MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Awwissu, 2010

Numru. 876/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN FARRUGIA**
**KONTRA**

**PHILIP ZAHRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Philip Zahra ta' 38- il sena, bin Joseph u Frances nee' Bonnici, mwieled Pieta' nhar it- 8 ta' Frar 1972, residenti gewwa 20, St. Rita, Triq il- Minfah, Naxxar, Malta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 111372(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 23 ta'Awwissu 2010 ghall- hatba ta' xi 13.55hrs, gewwa Triq San Pawl, Naxxar u f'dawn il-Gzejjer;

1) ikkawza ferita ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Warden G546 Stephen Grech ID 0139461(M) hekk kif iccertifika Dr. Ray Borg M.D Reg. No 1716 tac- Centru tas- Sahha tal- Mosta;

2) b' xi mod attakka jew irrezista bi vjolenza xi gwardjan lokali b' referenza ghal Warden G 546 Stephen Grech ID 139461(M) waqt il- qadi ta' dmirijietu bi ksur tal-Kapitolu 389 l- Att dwar Gwardjani Privati u Lokali;

3) u aktar talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l- persuna ta' Stephen Grech Warden G 546 persuna nkarigat skond il- Ligi minn servizz pubbliku fil- waqt li kien qed jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni moghtija skond il- Ligi minn Awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal- Artikolu 96 (a) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

4) u aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna ta' Stephen Grech Warden G 546 persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li ghamel dan is- servizz jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz bi ksur tal- Artikolu 95 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) u aktar talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara ohra jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' propjeta' (nuccali) ghad- dannu tal- istess Stephen Grech Warden G 546 liema hsara hija anqas minn €116.47 u dan bi ksur tal- Artikolu 325 (c ) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

6) u aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi bil- hsieb li jtellfu jew inaqqsu l- gieh ta' Stephen Grech Warden G 546, weggghu bi kliem, b' gesti jew b' mod iehor u dan bi ksur tal- Artikolu 252 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

7) aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi hebb ghal Stephen Grech Warden G 546 sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal- Artikolu 339 (d) u (e) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

8) u aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi qal fil- pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f' dagha fil- pubbliku u dan bi ksur tal- Artikolu 338 (bb) u 342 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

9) u aktar talli f- istess jum, data, lok u cirkostanzi imbutta lil imsemmi Stephen Grech Warden G 546 sabiex iweggghu jew jinsulentah u dan bi ksur tal- Artikolu 339 (1) (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligjiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Att dwar Gwardjani Privati u Lokali Kapitolu 389, Artikolu 96 (a), 95, 325 (c ), 252 (1), 339 (d) u (e),

338 (bb), 342, u 339 (1) (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------